MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Numru. 1235/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IVAN CILIA**
**KONTRA**

**GORDON SCHEMBRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Gordon Schembri ta’ 24 sena, bin Edwin u Nathalina nee’ Galea, mwieled Pieta’ nhar is- 7 ta’ April 1986, residenti Block 5, Flat 3, Triq Enrico Mizzi, Gzira u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 207386M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' Ottubru 2008, u fix- xhur ta' qabel f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, s- somma ta' aktar minn € 2,329.37 ghad- dannu ta' Saviour Calleja, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

2) aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi, b' mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn € 2, 329.37 ghad- dannu ta' Saviour Calleja;

3) b' hekk akkuzat ukoll li wettaq reat fi zmien operattiv ta' sentenzi sospizi moghtija mill- Qorti tal-Magistrati fid- 29 ta' Marzu 2007 u fit- 8 ta' Awwissu 2007;

4) kif ukoll sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b' diversi sentenzi mill- Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat jghix gewwa fond mikri lilu mill-Awtorita' tad-Djar, u qabbad lil certu Saviour Calleja jaghmel xi xoghol fl-istess fond, u precizament fil-kamra tal-banju. Irrizulta li l-imputat ma hallasx kollox lil Calleja ghal dan ix-xoghol, peress illi allega li ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Ghalhekk kien sar rapport lill-Pulizija minn Calleja biex jittiehdu passi kontra l-imputat ghal dan il-fatt. L-akkuzi li nhargu kontra l-imputat kienu ta' frodi u ta' misapproprjazzjoni.

Mil-provi prodotti rrisulta li Calleja kien ghamel xi xoghol fil-fond imsemmi, u ma kienx ircieva l-hlas kollu tax-xoghol li kien ghamel. Din il-kwistjoni, izda, hija purament wahda civili, u m'ghandha ebda sembjanza ta' kawza kriminali. Biex tirrisulta ppruvata l-akkuza tal-frodi, irid jigi ppruvat li l-imputat holoq makkinazzjoni fittizja biex igieghel lil Calleja jemmen li ser tigri xi haga favur tieghu u li biha ha jiggwadanja xi haga jew jiehu xi forma ta' vantagg, izda li din ma tigrix. Dan kien biss semplici kuntratt ta' appalt fejn kien hemm kwistjoni ta' inadempjenza mit-tnejn. Ma kien hemm ebda skema ta' raggiri jew artifizji kif titlob il-ligi f'dan il-kaz. L-imputat ma holoq ebda struttura jew storja immaginarja biex jiffroda lil Calleja. Il-Prosekuzzjoni argumentat li ladarba l-imputat kien qal lil Calleja li ser jithallas mill-Awtorita' tad-Djar u mbaghad baqa' ma thallasx, allura hemm tezisti l-frodi. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Anzi, huwa proprju l-fatt li kien hemm kuntatt effettiv mal-Awtorita' min-naha tal-imputat li turi li ma kien hemm ebda intenzjoni ta' frodi min-naha tieghu, fil-konfront ta' Calleja.

L-istess jista' jinghad ghall-akkuza ta' misapproprjazzjoni. Biex din tirnexxi w tigi ppruvata b'success, irid jigi muri li Calleja ta xi oggett jew somma flus lill-imputat ghal xi haga specifika, u l-imputat ikun ghamel xi haga ohra biha. Mil-provi ma rrisulta l-ebda konsenja ta' flus lill-imputat minn Calleja, u ghalhekk ma seta' qatt ikun hemm

misapproprjazzjoni ta’ oggett fdat lill-imputat. Ghalhekk il-Qorti ma tarax kif l-imputat ghandu jinstab hati ta’ dawn l-mputazzjonijiet, u konsegwentement ma jistax jinstab hati wkoll tal-addebitu tar-recidiva u li kiser zewg sentenzi sospizi. Kif gia’ qalet il-Qorti, din il-kwistjoni kienet wahda purament civili bejn il-partijiet, u ma setghet qatt twassal ghal imputazzjonijiet kriminali.

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 293, 310 (1) (a), 308, 309, 17, 49, 50, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------